MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 10/2007

**Talba Nru: 10/07PBC**

**Alfred Balzan – I.D. 780838 (M)**

**Vs**

**Sylvana Wannous**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm560.61c) rapprezentanti kera / kumpens ghall-okkupazzjoni dovut minnha mit-12 ta' Lulju, 2001 sal-5 t'April, 2006

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm560.61c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------